MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Numru 787/2003

**Il-Pulizija**
**(Supt. Alexandra Mamo)**
**(Spt. Mario Bonello)**
**vs**
**Keith John Harrington**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miguba kontra **Keith John Harrington** ta' 24 sena, bin Joseph u Monica Fenech, imwieled Portsmouth Ingilterra, nhar is-26 ta' Marzu, 1979, residenti Blk K, Flat 5, Binja Binarju, Santa Venera w detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 461194(M);

Akkuzat;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, u cioe' fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu, 2003 u l-10 ta' Lulju, 2003, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

a Ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmatim, inkella billi ziedt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamilt falsifikazzjoni tal-firem tad-diretturi tas-socjeta' Rustica Ltd. u persuni ohra, fuq cekkijiet tal-HSBC plc u banek ohra, kif ukoll iffalsifikajt l-licenzja tas-sewqan f'isem Daren Sammut, u dan bi ksur tal-Art. 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b Talli xjentement ghamilt uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, imsemmija fl-imputazzjoni (a), u dan bi ksur tal-Art. 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c Talli ffalsifikajt cedola, polzam, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna t' oggetti, jew jigbor depozitu, jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur tal-Art.167 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d Talli xjentement ghamilt uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, imsemmija fl-imputazzjoni (c), u dan bi ksur tal-Art. 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e Talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza'dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' aktar minn Lm1,000 bi hsara ta' diversi

persuni, fosthom; id-diretturi tas-socjeta' Rustica Ltd., HSBC plc, Daren Sammut, Geronzio Bartolo, Colin Charles Galea, diversi persuni u diversi socjetajiet u kumpaniji, bi ksur tal-Art. 308, 309 u 310 (l) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f Talli xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom, u dan bi ksur tal-Art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g Talli fis-17 ta' Marzu, 2003 u/jew fil-granet ta' qabel ikkommettejt serq ta' cheque book tal-HSBC plc ghad-detriment tar-Rustica Ltd tal-Marsa;

h Talli fid-29 ta' Gunju, 2003 ghall-habta tat-3.00 p.m ta' wara nofsinhar ikkommettejt serq mill-bajja ta' B'Bugia (Pretty Bay) ta' diversi oggetti, fosthom faccata ta' stereo ta' vettura tal-marka 'Sonashi', zewg mobile phones tal-marka 'Panasonic' u 'Nokia' u oggetti ohra, li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100 izda anqas minn Lm500, ghad-detriment ta' Silvio Desira u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-valur, u dan bi ksur tal-Art. 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i U aktar talli xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxiehom u dan bi ksur tal-Art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-11 ta' Frar, 2005, skond l-art 370 (3) (a) tal-Kap 9, li permezz taghha ddecieda li jibghat lill-imputat quddiem din il-Qorti biex il-kaz kontra tieghu jkun deciz minn din il-Qorti u rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal dan;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante l-ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Wara li rat l-artikoli 183, 184 (a), 167 (1); 169, 308, 309, 310 (1), u 334, 261, 267, u 279(b) tal-Kap 9.

Wara li rat l-fedina penali tal-imputat, hadet konjizzjoni tal-istess u wara li semghet diversi xhieda ta' karattru inkluz ufficjali tal-probation u social workers dwar il-problemi li qed jiffacja l-imputat.

Il-Qorti qed tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation, taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum skond l-art. 7 (1) tal-Kap 446 u dan peress illi din is-sanzjoni tidher li hija l-aktar haga idonea ghal dan il-kaz. L-Ufficjal tal-Probation ghandu/ghandha jinforma lil din il-Qorti bil-miktub fiz-zmien gimghatejn mil-lum, il-program, rakkomadazzjonijiet u kundizzjonijiet li ghandu jsegwi l-imputat u kull xaghrejn mill-ahhar ta' Gunju, bil-progress tal-imputat.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u tordna li kopja taghha tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jappunta Probation Officer ghal dan l-iskop

Stante illi mix-xhieda tirrizulta informazzjoni kunfidenzjali stretta, l-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------